Diane Azzopardi

Vs

Christian Zammit - CMZ Woodworks

CCT G5/24/MS

12 ta' Diċembru, 2024

It-Tribunal,

Ra l-avviz tar-rikorrenti pprezentat fil-5 ta' Marzu 2024 fejn talbet lil dan it-Tribunal jikundanna l-intimat/ azjenda intimata ihallsu l-ammont ta' €2,975.00, depozitu imhallas minnha ghal sitt bibien interni tal-injam, liema bibien qatt ma gew konsenjati u installati.

Ra li l-intimati debitament notifikati bl-avviz tat-talba u tas-smigh ma deherux.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema' x-xiehda tar-rikorrenti bil-gurament.

Ra r-regolament 12.1 tar-Regoli dwar it-Tribunal ghat-Talbiet tal-Konsumatur (L.S378.01);

Ra li t-talba thalliet ghas-sentenza;

Ikkunsidra

Illi rrizulta mill-provi illi fit-30 ta' Awwissu 2022, ir-rikorrenti hallset €2,975.00 rapprezentanti depozitu ghal sitt bibien interni tal-injam u *pocket door*, u dan wara li l-intimat kien gie fuq il-post biex ikejjel u jiehu l-qisien. Il-bibien kellhom jigu installati sa' Dicembru 2022. F'Ottubru 2022, ir-rikorrenti ghamlet kuntatt mal-intimat biex tara kif kien sejjer il-landament tax-xoghol u l-intimat qallha li kien ippressat hafna u talabha estensjoni taz-zmien, liema estensjoni giet accettata mir-rikorrenti. Minkejja dan, il-bibien baqghu ma gewx konsenjati u l-intmat kien dejjem igib skuzi jew ma jirrispondix it-telefon, sakemm fl-ahhar fi Frar 2024 ir-rikorrenti ndunat illi l-intimat kien imblokkaha u ma setghetx tikunttatjah jew tibghatlu messaggi.

It-Tribunal ra d-dokumenti kollha, inkluz iż-kuntratt, ir-ritratti u l-messaggi kollha mibghuta bejn Ottubru 2022 u Frar 2024. Illi apparti l-fatt illi l-intimat qatt ma deher biex jaghti x-xiehda tieghu, u ghalhekk it-Tribunal m'ghandux il-konfort ta' versjoni ohra li tikkontrasta dak li qed tallega r-rikorrenti, mid-dokumentazzjoni li ra, it-Tribunal huwa sodisfatt illi l-versjoni tar-rikorrenti mhux biss hija gustifikata izda hija wkoll korroborata bi shih.

Illi din in-nuqqas ta' attendenza ikompli jikkorrobora l-versjoni tar-rikorrenti dwar l-attegjament censurabbli u xejn professjonali tal-intimat u t-Tribunal m'ghandux l-icken dubju minn dak kollu li xehedet ir-rikorrenti.

Fic-cirkostanzi, ghalhekk, it-talba taghha tisthoqq li tigi akkolta.

Wara li ra wkoll l-artikolu 12.1 tal-L.S 378.01 u l-artikoli 73 et seq tal-Kap 378, it-Tribunal jidhirlu illi r-rikorrenti ghandha d-dritt li tittermina l-kuntratt u tiehu lura d-depozitu li hallset.

Ghal dawn il-motivi, jaqta' u jiddeciedi illi jilqa' t-talba tar-rikorrenti, jittermina l-kuntratt bejn il-partijiet u jordna l-intimat/ l-azjenda intimata, in solidum, jirrifondulha s-somma ta' elfejn disa' mija u hamsa u sebghin Euro (€2,975.00). Bl-imghaxijiet u l-ispejjes kontra l-istess intimat/ azjenda intimata skond il-ligi.

Michela Spiteri LL.D
Arbitru